# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Marzu 2019**

**Kawża Numru 10**

**Rikors Numru 627/2013/3 JZM**

***GBCom Limited* (C 51508)**

***v*.**

**Avukat Nicolai Vella Falzon b'dikriet tal-20 ta' Awissu 2013 maħtur kuratur deputat sabiex jidher għas-soċjetà *MSA Holdings Limited*, soċjetà reġistrata d-Dubai, United Arab Emirates, b'numru ta' reġistrazzjoni JC/2522/10;**

**Prokuratur Legali Madeleine Firman b'digriet tal-20 ta' Awissu 2013 maħtura kuratur deputat sabiex tidher għall-assenti Mohammedreza Aghaei;**

***Afegra Management Limited* (C 49208);**

***Afegra Holding Limited* (C 49209);**

***Afegra Finance Limited* (C 49210)**

1. Din is-sentenza hija dwar talba magħmula mill-konvenut Mohammedreza Aghaei biex jinstema' mill-ġdid appell maqtugħ

b'sentenza ta' din il-qorti tat-30 ta' Ottubru 2015 wara li titħassar dik is-sentenza għax il-konvenut jgħid illi s-sentenza ttieħdet bil-qerq tas-soċjetà attriċi bi ħsara tal-partijiet l-oħra fil-kawża (art. 811(*a*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili).

2. Il-fatti relevanti huma dawn: is-soċjetà attriċi kienet azzjonista fis-soċjetà konvenuta *Afegra Management Limited*. L-azzjonisti l-oħra fi ħdan l-istess soċjetà kienu l-konvenut Mohammedreza Aghaei u s-soċjetà konvenuta *MSA Holdings Limited*.

3. Il-konvenuta *Afegra Management Limited* kellha soċjetà sussidjarja – il-konvenuta *Afegra Holdings Limited* – u din is-soċjetà sussidjarja wkoll kellha s-soċjetà sussidjarja tagħha – *Afegra Finance Limited*, konvenuta wkoll. Is-soċjetà *Afegra Finance Limited* ukoll kellha numru ta' soċjetajiet sussidjarji tagħha, fosthom soċjetà bl-isem *Afegra Trading SA*.

4. Ġara li f'Novembru 2011 il-kummerċ tal-*Afegra Group* ma baqax sejjer tajjeb. Kien għalhekk li fil-15 ta' Mejju 2013 sar ftehim li permezz tiegħu s-soċjetà *MSA Holdings Limited* kellha tixtri l-ishma tas-soċjetà attriċi fis-soċjetà *Afegra Management Limited* għall-prezz ta' tliet miljun dollaru tal-Istati Uniti (US$ 3,000,000). Dan il-prezz kien ikkalkulat fuq il-kotba finanzjarji tas-soċjetajiet fi ħdan l-istess *Afegra Group*.

5. Wara li ġie ffirmat dan il-ftehim, is-soċjetà attriċi saret taf illi fil-perjodu ta' bejn Novembru tal-2011 u Mejju tal-2013 l-azzjonisti l-oħra kienu bdew jagħmlu l-istess negozju ta' *Afegra Group* minn

wara dahar is-soċjetà attriċi permezz ta' soċjetajiet oħrajn. Jidher li ħlasijiet li suppost waslu għand l-*Afegra Group* baqgħu ma waslux u marru għand soċjetajiet oħrajn ikkontrollati mill-konvenuta *MSA Holdings Limited* u mill-konvenut l-ieħor Mohammedreza Aghaei. Is-soċjetà attriċi tgħid ukoll illi ġew falsifikati dokumenti u li sar qerq ċar li minħabba fih ġarrbet ħsara u li, likieku kienet taf b'dan kollu, żgur li ma kinitx tbigħ l-ishma tagħha bil-prezz ta' US$ 3,000,000.

6. Is-soċjetà attriċi għalhekk fetħet din il-kawża u talbet illi l-qorti:

> »1. tiddikjara li l-konvenuti, jew min minnhom, aġixxew b'*mala fede* fil-konfront tas-soċjetà attriċi u naqsu mill-obbligi tagħhom versu l-istess soċjetà attriċi;
>
> »2. tiddikjara li l-konvenuti, jew min minnhom, aġixxew b'qerq fil-konfront tas-soċjetà attriċi;
>
> »3. tiddikjara li s-soċjetà attriċi sofriet danni bħala riżultat ta' din il-*mala fede*, nuqqas ta' ħarsien ta' obbligi legali, kif ukoll qerq li ġie kommess;
>
> »4. tillikwida d-danni sofferti mis-soċjetà attriċi;
>
> »5. tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, iħallsu lis-soċjetà attriċi d-danni hekk likwidati.
>
> »Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru li qed jiġi intavolat kontestwalment, u bl-imgħaxijiet legali permessi mill-liġi, kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.«

7. Fost l-eċċezzjonijiet imressqa minn Mohammed Reza Aghaei kien hemm l-eċċezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-qorti sabiex tisma' u tiddeċiedi l-kawża. Din l-eċċezzjoni tgħid hekk:

> »1. Preliminarjament, illi din l-onorabbli qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna *ai termini* tad-dispos-izzjonijiet tal-artikolu 742 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu l-kawża kif impustata fil-konfront tal-eċċipjent ma taqa' taħt l-ebda kap ġurisdizzjonali mill-kapi msemmija fl-artikolu 742 li fuqu din il-qorti tista' terradika l-ġurisdizzjoni tagħha.«

8. L-ewwel qorti laqgħet din l-eċċezzjoni tal-konvenut Mohammed Reza Aghaei u għalhekk ħelsitu mill-ħarsien tal-ġudizzju, spejjeż għas-soċjetà attriċi. Ir-raġunijiet li wassluha għal din il-konklużjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza tagħha:

> »L-eċċezzjoni dwar il-ġurisdizzjoni tal-qorti ngħatat minn wieħed biss mill-konvenuti *in limine litis*.
>
> »Bħala punt ta' dritt, il-qorti tirrileva wkoll illi l-ġurisdizzjoni tal-qrati trid tiġi radikata fil-mument tal-ftuħ tal-kawża (ara <u>Montanaro Gauci *v.* Bickford</u>, Qorti tal-Appell, 2 ta' Ġunju 1969).
>
> »Il-qorti sejra tgħaddi biex tqis is-seba' każi previsti fl-art. 742(1) tal-Kap. 12 sabiex tistħarreġ jekk … hijiex radikata nkella le l-ġurisdizzjoni tagħha.
>
> »2. Il-paragrafu (*a*)
>
> »Mis-seba' każi, il-paragrafu (*a*) huwa l-uniu fejn ir-rekwiżit huwa ċ-ċittadinanza ta' Malta sabiex tkun fondata l-ġurisdizzjoni tal-qrati tagħna.
>
> »Fil-każ tal-lum, jirriżulta ppruvat illi l-assenti Aghaei la huwa u lanqas qatt kien ċittadin ta' Malta. Irriżulta infatti minn prova dokumentarja mhux kontradetta illi huwa ċittadin ta' St Kitts and Nevis.
>
> »Mela mhijiex fondata l-ġurisdizzjoni ta' din il-qorti skond l-art 742(1)(*a*).
>
> »3. Il-paragrafu (*b*)
>
> »Hija ġurisprudenza paċifika ta' dawn il-qrati illi meta l-liġi tirreferi għal kull persuna kemm fil-paragrafu (*b*) kif ukoll fid-disposizzjonijiet l-oħra minn (*ċ*) sa (*g*), hija qiegħda tirreferi għall-konvenut.
>
> »Għalhekk il-kwistjoni jekk qorti Maltija għandhiex is-setgħa li tisma' u tqis kawża mressqa quddiemha (u l-mertu tagħha jaqa' fil-kompetenza tagħha) trid titqies b'riferenza għall-kwalitajiet tal-persuna tal-konvenut, iżjed fejn ir-raġuni tal-ġurisdizzjoni hija mibnija fuq il-presenza tal-konvenut ġo Malta. Din it-tifsira hija l-applikazzjoni tal-massima *actor sequitur forum rei* u tal-massima *ubi te invenio, ibi te convenio* (ara: Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, PA/JRM, <u>*Angelo Cutajar & Sons Limited v.* Dr Anthony Cremona *et*</u>, 16 ta' Ottubru 2003).
>
> »Fil-każ tal-lum, tirriżulta l-prova ġuramentata mhux kontradetta tal-assenti Aghaei li jsostni li huwa jirrisjedi abitwalment ġo Istanbul fit-Turkija, li huwa la qatt kien u lanqas huwa residenti jew domiċiljat ġo Malta. Igħid *inoltre* li fid-data tal-presentata, u anke wara, kien assenti minn Malta, tant li kien hemm il-ħtieġa għall-ħatra ta' kuratur deputat biex jidher għalih.
>
> »Mela mhijiex fondata l-ġurisdizzjoni ta' din il-qorti skond l-art 742(1)(*b*).

»4. Il-paragrafu (*ċ*)

»Fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Frar 1993 fil-kawża Manduca *noe v.* Chetcuti *noe* il-Qorti tal-Kummerċ irrimarkat illi għalkemm il-motiv tal-ġurisdizzjoni skond il-paragrafu (*ċ*) huwa applikabbli l-aktar meta l-oġġett tal-kawża jkun immobbli sitwat ġo Malta, però jista' jkun il-każ ukoll ta' mobbli, iżda jeħtieġ li dak l-oġġett li jkun jinsab Malta jkun "innifsu l-meritu tal-kawża".

»Hekk ukoll fil-kawża Scicluna *v.* Carbone, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fid-29 ta' Novembru 1884, kien rimarkat illi:-

> »"La parola "cosa" nel suo più ampio significato è tutto ciò che ha un valore di scambio, e, per essere più comprensivo, la legge si è riferita a cose non solo situate, ma quelle semplicemente esistenti onde sono comprese non solo le cose materiali, o cose diconsi corporali, ma pure le cose immateriali che non si percepiscono da sensi ma hanno una esistenza intelletuale, come sarebbero un avviamento, un credito, o una publica estimazione di un commerciante, i titoli, i *cheques* per le cose che rappresentano, le obbligazioni e simili."

»(ara wkoll, Xuereb *v.* Brincat, Qorti tal-Kummer, fil-11 ta' Ġunju, 1979).

»Ishma ta' kumpannija huma ħwejjeġ mobbli b'definizzjoni espressa tal-liġi (ara l-art. 315(1) tal-Kap. 16).

»L-azzjoni attriċi tal-lum mhijiex dwar ħwejjeġ li qegħdin jew li jinsabu Malta iżda hija azzjoni għal danni kontra l-konvenuti, jew min minnhom, bil-kawżali tkun allegata *mala fede* jew qerq. Il-mertu tal-kawża la huma l-ishma li s-soċjetà attriċi kellha fil-kumpannija konvenuta *Afegra Management Limited*, lanqas l-ishma li Agħaei kellu fl-istess kumpannija konvenuta qabel ittrasferixxa dawk l-ishma lis-soċjetà konvenuta l-oħra *MSA Holdings Limited*.

»In vista tal-premess, mhijiex fondata l-ġurisdizzjoni ta' din il-qorti skond l-art. 742(1)(*ċ*).

»5. Il-paragrafi (*d*) u (*e*)

»Mill-assjem tal-provi, ma jirriżultax illi l-kontrattazzjoni tal-obbligazzjoni saret ġo Malta (paragrafu (*d*)).

»Lanqas ma jirriżulta li l-eżekuzzjoni jew l-effett ta' l-obbligazzjoni kellu jkun ġo Malta (paragrafu (*e*)).

»Dwar presenza, wieħed ma jifhimx biss presenza attwali u fisika imma tinkludi fiha wkoll preżenza permezz ta' persuna rappreżentanti tagħha (ara: Qorti tal-Kummerċ, 29 ta' Mejju 1959, Parnis England *v.* England *noe*, Kollez. Vol. XLIII.III.856).

»Jinsorġi l-kwesit tal-*status* tal-kuratur deputat.

»Fis-sentenza tagħha fil-kawża *Angelo Cutajar & Sons Limited v.* Dr Anthony Cremona *et noe* din il-qorti rrimarkat illi:

> »"… il-ħatra waħedha ta' kuratur deputat għal parti li ma tkunx tinsab Malta mhijiex biżżejjed biex issejjes l-element tal-presenza fil-ġurisdizzjoni, fejn tali presenza hija meħtieġa, imma sservi biss biex tintegra l-ġudizzju, fejn, minħabba ċirkostanzi oħrajn li bihom il-ġurisdizzjoni hija atrimenti stabbilita, kawża titressaq quddiem il-qrati maltin. Li kieku kellha tingħata tifsira oħra, kien ikun ifisser li

> l-ħtieġa tal-liġi għall-presenza tal-parti mħarrka f'Malta kienet tkun waħda sempliċement teorika, billi din setgħet tingħeleb kull darba billi wieħed jirrikorri għall-ħatra ta' kuraturi deputati u b'hekk joħloq preżenza. Illi għalhekk safejn allura hemm ċirkostanzi fejn il-preżenza tal-imħarrek f'Malta hija meħtieġa ma jidhirx li dan il-vot huwa mwettaq."

»Din il-qorti tikkondividi din il-fehma.

»Fl-assjem ma tistax tkun fondata l-ġurisdizzjoni ta' din il-qorti skond l-art. 742(1)(*d*) u l-art. 742(1)(*e*).

»6. Il-paragrafi (*f*)

»Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna illi bil-frażi 'kull obbligazzjoni' l-liġi mhux biss qiegħda tifhem obbligazzjonijiet kontrattwali iżda qiegħda tinkludi obbligazzjonijiet naxxenti minn delitti jew kważi delitti.

»Bl-azzjoni odjerna, is-soċjetà attriċi li hija soċjetà reġistrata fil-Gżejjer Maltin qiegħda tallega li Aghaei u / jew il-konvenuti l-oħra kkommettew delitt jew kważi delitt fil-konfront tagħha u kkawżawlha danni (ara: Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 11 ta' Jannar 1918, *G.E.C. v. Page et*, Kollez. Vol. XXIII.II.277).

»Biex ikun hemm ġurisdizzjoni skond il-paragrafu (*f*), irid jirriżulta li s-sentenza tista' tiġi esegwita f'Malta.

»Għal dan ir-rigward mhijiex kondiviża l-fehma tas-soċjetà attriċi illi din il-qorti għandha ġurisdizzjoni, fejn il-kawża tirrigwarda lil Aghaei, għaliex eventwali sentenza tkun tista' tiġi esegwita fuq l-ishma ta' Aghaei fis-soċjetà *Afegra Management Limited* li kienu kolpiti b'mandat ta' qbid.

»Dwar din l-aħħar kwistjoni, il-qorti tirreferi għall-artt. 118, 119 u 120 tal-Kap 386.

»Il-qorti għandha l-prova kostitwita minn Dok MF3 li jgħid l-ewwel lok illi Aghaei ttrasferixxa l-ishma kollha li kellu ġo *Afegra Management Limited* lil *MSA Holdings Limited* fil-31 ta' Mejju 2013, u jgħid, fit-tieni lok, illi r-reġistrazzjoni ta' dak it-trasferiment mar-Reġistratur tal-Kumpanniji kienet tardiva, tenut kont tal-art. 120(3) tal-Kap. 386, dak il-fatt ma jġibx in-nullità tat-trasferiment jew tar-reġistrazzjoni, iżda jesponi lill-uffiċjali tal-kumpannija *Afegra Management Limited* għal ħlas ta' penali skond l-art. 120(4) tal-Kap 386. Jingħad ukoll illi fid-data tal-presentata tar-rikors ġuramentat u tal-mandat ta' qbid it-trasferiment tal-ishma kien diġà seħħ. Il-qorti m'għandhiex prova li tikkontradiċi dak li jistabilixxi Dok MF3. Lanqas ma għandha prova li kien hemm inosservanza ta' dak li jgħidu l-artt. 118 u 119 tal-Kap. 386.

»Fil-każ tal-lum, irriżulta ppruvat illi Aghaei mhuwiex azzjonista tal-ebda kumpannija reġistrata fir-Reġistru tal-Kumpanniji.

»Irriżulta li Aghaei m'għandux proprjetà sitwata f' Malta.

»Lanqas ma jirriżulta li għandu xi beni oħra.

»Il-fatt ippruvat li Aghaei huwa direttur tal-kupannija konvenuta *Afegra Management Limited* (C49208) waħdu mhux biżżejjed biex isostni l-ġurisdizzjoni ta' dawn il-qrati skond l-art. 742 tal-Kap. 12.

»Fil-fehma tal-Qorti, ma tistax tkun fondata l-ġurisdizzjoni tagħha fil-konfront ta' Aghaei skond l-art. 742(1)(*f*).

»7. Il-paragrafi (*g*)

»Dan il-motiv ma kien bl-ebda mod ippruvat.

»Għalhekk għal din il-Qorti ma jirriżultax li għandha ġurisdizzjoni skond l-art. 742(1)(*g*).«

9. Is-soċjetà attriċi appellat, u din il-qorti, bis-sentenza tat-30 ta' Ottubru 2015 li qiegħda tiġi attakkata bil-proċeduri tal-lum, ħassret is-sentenza appellata u ċaħdet din l-eċċezzjoni preliminari tal-appellat Mohammedreza Aghaei għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»13. Fl-ewwel lok din il-qorti tosserva li f'dan il-każ huma relevanti s-segwenti disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili:

»"**559.** Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib.

»"**560.** (1) Il-qorti għandha tiċħad li tinġieb kull prova li jidhrilha li mhix rilevanti jew li hija żejda, jew li jidhrilha li mhix l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib.

»"**562.** Bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah."

»14. Fil-meritu l-qorti tosserva li l-vertenza in diżamina hija bażata fuq id-determinazzjoni tal-punt jekk l-appellat ressaqx prova sodisfaċenti ta' dak allegat minnu, *cioè* li t-trasferiment tal-ishma tiegħu lis-soċjetà *MSA Holdings Limited* kien sar fil-31 ta' Mejju 2013 u li għalhekk meta ġiet intavolata l-kawża odjerna fis-27 ta' Ġunju 2013 huwa ma kellu ebda proprjetà (inklużi ishma) f'Malta.

»15. In sostenn tal-allegazzjoni tiegħu l-appellat ippreżenta żewġ elementi ta' prova: dok. MF2 intestat "*Affidavit*" u dok. MF3 li hu kopja ta' notifika lir-Reġistratur tal-Kumpanija ta' trasferiment ta' ishma mill-appellat lis-soċjetà fuq indikata.

»16. Dwar l-ewwel dokument din il-qorti tosserva li, għalkemm dan huwa intestat "*Affidavit*" u huwa indikat bħala "*sworn declaration*" u għalkemm tidher fuqu firma allegatament tal-appellat, ma hemmx prova fil-proċess li d-dikjarazzjoni magħmula minnu kienet verament konfermata bil-ġurament. Hawnhekk il-qorti tosserva li lanqas ir-risposta ġuramentata ma kienet ġiet konfermata bil-ġurament mill-appellat. Għaldaqstant il-valur probatorju ta' din il-prova dokumentali huwa negliġibbli.

»17. Dwar it-tieni element ta' prova mressaq mill-appellat, il-qorti tosserva li din tikkonsisti f'fotokopja ta' *Notice of Transfer or Transmission of Shares*" reġistrata fis-16 ta' Settembru 2013 u li skont il-kontenut ta' dan id-dokument l-appellat kien ittrasferixxa l-ishma tiegħu lil *MSA Holding Limited* fil-31 ta' Mejju 2013.

»18. Jirriżulta li l-ewwel qorti aċċettat dan id-dokument bħala prova sodisfaċenti li l-appellat kien verament trasferixxa l-ishma tiegħu fl-imsemmija data u għalhekk aċċettat li, meta ġiet intavolata l-kawża odjerna, l-appellat ma kellux assi f'Malta.

»19. L-appellanti qed tikkontesta din id-deċiżjoni tal-qorti kif ġà fuq spjegat u qed issostni li dan id-dokument ma jipprova xejn għajr li l-imsemmija *notice* kienet ġiet reġistrata fis-16 ta' Settembru 2013. Hija tesprimi t-tħassib tagħha li dan id-dokument, li kien ġie reġistrat wara li kienet intavolata l-kawża odjerna, mhu xejn aktar ħlief manuvra da parti tal-appellat sabiex jipprova jsostni l-ewwel eċċezzjoni tiegħu kontenuta fir-risposta ġuramentata tiegħu preżentata fil-25 ta' Settembru 2013.

»20. Din il-qorti hi tal-fehma li l-appellanti għandha raġun meta tgħid li l-appellat naqas milli jressaq prova sodisfaċenti dwar l-eżistenza tat-trasferiment tal-ishma tiegħu, li skont il-liġi kellu jsir bil-miktub. Din il-qorti ma taqbilx mar-raġunament tal-ewwel qorti li għax "il-qorti m'għandhiex prova li tikkontradiċi dak li jistabbilixxi dok. MF3" allura l-kontenut tiegħu kellu jiġi aċċettat. Il-qorti għandha teżiġi l-aqwa prova u f'dan il-każ l-aqwa prova mhijiex ir-reġistrazzjoni tal-allegat ftehim li saret minn terzi, iżda il-prova dokumentali li turi li l-ftehim fil-fatt kien seħħ fid-data indikata fid-dokument, u l-oneru tal-prova ta' dan il-fatt kien jispetta lill-appellat li allega il-fatt, u l-appellanti ma kellha għalfejn tikkontradixxi xejn qabel ma l-fatt allegat jiġi sostnut bi provi sodisfaċenti.

»21. Għaldaqstant, apparti mill-fatt li l-appellat ma kkonferma xejn bil-ġurament, ladarba din il-prova hija mankanti, is-soċjetà appellanti għandha raġun issostni li l-ewwel eċċezzjoni mhijiex sostnuta bi provi sodisfaċenti.

»22. Għalhekk dan l-aggravju qed jitqies bħala ġustifikat.

»23. Fl-aħħar nett għall-kompletezza jiġi osservat li l-ftehim li seħħ fil-15 ta' Mejju 2013 u li għalih hemm referenza kemm fir-rikors promotur fil-paragrafi 12 u 13 u kemm fir-risposta tal-appellat mhux relevanti għall-finijiet tal-vertenza odjerna *stante* li dan il-ftehim kien jirrigwardja l-bejgħ u xiri ta' ishma mis-soċjetà appellanti lis-soċjetà *MSA Holding Limited* u li l-appellat personalment ma kienx parti f'dak il-ftehim.

»24. Ladarba din il-qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju, mhux il-każ li tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-aggravji l-oħra.«

10. B'rikors tal-24 ta' Frar 2017 il-konvenut Mohammedreza Aghaei talab illi l-appell jinstema' mill-ġdid, wara li titħassar is-sentenza appellata, għax igħid illi s-sentenza ttieħdet bil-qerq tas-soċjeta' attriċi bi ħsara tal-partijiet l-oħrajn (art. 811(*a*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). Ifisser l-argument tiegħu hekk:

»Illi dan huwa rikors ta' ritrattazzjoni imressaq *ai termini* tal-artikolu 811(*a*) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta mis-sentenza ta' din l-onorabbli qorti tat-30 ta' Ottubru 2015 …

»Għal finijiet tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 818(1)(*a*) [*recte* 811(1)(*a*)] tal-Kap. 12 jingħad mill-ewwel li l-qerq tal-kontroparti *GBCom Limited*, li fuqu qiegħda tintalab il-preżenti ritrattazzjoni, inkixef fil-kontroeżami ta' Camelia Simion quddiem l-onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Novembru 2016 …

»Illi l-fatti li wasslu għal din it-talba huma s-segwenti:

»… … …

» Fir-risposta ġuramentata tiegħu ir-ritrattand Mohammedreza Aghaei eċċepixxa illi l-qorti ma kellhiex ġurisdizzjoni fuqu …;

»Din l-eċċezzjoni ntlaqgħet fl-intier tagħha mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili …

»Minn dik is-sentenza tressaq appell mis-soċjetà *GBCom Limited* illi għall-ewwel darba fil-proċess bdiet tressaq dubju jekk Mohammedreza Aghaei kienx verament ittrasferixxa l-ishma tiegħu fis-soċjetà Maltija *Afegra Management Limited* fil-15 ta' Mejju 2013 kif kien stqarr ir-ritrattand fir-risposta ġuramentata tiegħu, fix-xiehda tiegħu kif ukoll kif jirriżulta mill-formoli tal-*MFSA* esebiti fil-proċess. Dan id-dubju beda jinxteħet b'qerq fir-rikors tal-appell sabiex jiġi allegat illi effettivament it-trasferiment reali tal-ishma sar f'Settembru 2013 ossija wara li nfetħet il-kawża u kwindi li l-qrati Maltin kellhom ġurisdizzjoni fid-data tal-ftuħ tal-kawża fuq ir-ritrattand Aghaei. Di fatti f'parti mill-aggravji kontenuti fir-rikors tal-appell ta' *GBCom Limited*, ir-ritrattata ma tistax tkun aktar ċara u r-rikors jaqra hekk:

> »"Mohammedreza Aghaei ittrasferixxa l-ishma li kellu fis-soċjetà *Afegra Management Limited* fis-17 ta' Settembru 2013 (dan non-ostante li l-istess ishma kienu maqbuda b'mandat ta' qbid debitament notifikat)."

»Illi bl-akbar rispett, iżda fl-istess waqt bl-aktar mod ċar, jintqal li dan huwa assolutament inveritier: dikjarazzjoni intiża biex tqarraq u intiża sabiex jerġgħu jinkitbu b'mod artifiċjali u fittizju l-fatti kif verament seħħew. Kienet din id-dikjarazzjoni inveritiera li instradat kompletament ħażin lill-onorabbli Qorti tal-Appell, liema qorti daħlet fi kwistjonijiet ta' xi prova hemm dwar id-dati, liema kienet l-aħjar prova u x'verżjoni jirriżulta li hija l-aktar kredibbli, eżerċizzju li kien għal kollox immaterjali kieku intqalet il-verità.;

»Dan għaliex il-verità, liema verità sar tentattiv li tiġi alterata fi stadju fejn il-provi kienu magħluqa, kienet illi d-diretturi tar-rittrata Gert Bosscher u Camelia Simion kif ukoll ir-ritrattand (Aghaei) kienu preżenti fl-istess kamra għand in-Nutar Valérie Marti fil-15 ta' Mejju 2013 u kienu t-tnejn li huma eżattament fl-istess post jafu li kemm ir-ritrattata kif ukoll ir-ritrattand qegħdin fl-istess waqt jittrasferixxu l-ishma rispettivi tagħhom fis-soċjetà *Afegra Management Limited* lil *MSA Holdings*, soċjetà konvenuta oħra. Dan il-fatt qatt ma kien la kontestat u lanqas kien hemm il-bżonn li jiġi ppruvat għax kien assolutament paċifiku bejn il-partijiet, paċifiku sakemm is-soċjetà *GBCom* ma ddeċidietx illi titlaq mill-verità u fir-rikors tal-appell tiddikjara li mhux minnu li Aghaei ittrasferixxa l-ishma f'Mejju 2013

imma li dan seħħ fil-mori tal-kawża (Settembru 2013) u sabiex jeludi l-ġurisdizzjoni tal-qorti;

»Dan il-qerq u l-ingann ħareġ bil-miftuħ u ġie a konoxxenza tar-ritrattand (u ta' kulħadd) fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2016 fl-atti tal-kawża li kienet reġgħet bdiet tinstema' fuq il-mertu quddiem il-Prim'Awla wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (is-sentenza ritrattata) li rremettiet l-atti lura lill-Prim'Awla sabiex il-kawża titkompla tinstema'. Dik is-seduta kienet iffissata għall-kontro-eżami ta' Camelia Simion, direttur tar-ritrattata *GBCom Limited*. Wara li *GBCom* kienet rebħet appell ibbażat fuq il-fatt illi Aghaei kien ittrasferixxa l-ishma f'Settembru u mhux f'Mejju 2013, Simion qalet hekk fil-kontro-eżami tagħha:

> »"Dr Antoine Cremona: You make these 3 factual statements here. First of all I want to ask you, did you know this information about the sale by Mr Asadi, the sale by Mr Aghaei to Mr Asadi on the day or did you get to know it between the 7th of June and the 2nd of July when you had access to the server?
>
> »"Xhud: You mean
>
> »"Dr Antoine Cremona: The fact that Asadi purchased Aghaei's shares.
>
> »"Xhud: No, I knew it the same day because I was at the notary. I knew it on 15th of May. I have been present at the notary where we sign all share purchase agreements.
>
> »"Dr Antoine Cremona: Did you share this information with Mr Bosscher? Was he present himself as well?
>
> »"Xhud: We have been all of us present to the notary: Mr Asadi, Mr Marzbani, Mr Aghaei, Mr Bosscher, myself and of course the notary.
>
> »"Dr Antoine Cremona: So you knew that both of you have sold to Mr Asadi the same day, the same notary.
>
> »"Xhud: Yes.
>
> »"Dr Antoine Cremona: I refer you to an area in the *affidavit* done by Mr Bosscher when you were still discussing the jurisdiction issue, that is, not the second *affidavit*, the first *affidavit*, Mr Bosscher says on the 16th of September Mr Aghaei he registered a share transfer and somehow transferred the seized shares which he had in *Afegra Management*, was, is this the same transfer Mr Bosscher stated in his *affidavit*, in these proceedings but prior to the preliminary judgement about the jurisdiction that Mr Aghaei registered a share transfer and somehow transferred the seized shares which he had in *Afegra Management*. Wasn't Mr Bosscher himself present on the 15th of May when this was done? The sales purchase agreement was concluded, you just said it.
>
> »"Xhud: He was, yes."

»It-teorija mressqa minn *GBCom* fir-rikors tal-appell li Aghaei kien bigħ l-ishma tiegħu f'Settembru 2013 u mhux f'Mejju u li għamel hekk sabiex jeludi l-ġurisdizzjoni tal-qrati Maltin fil-kawża li tressqet fis-27 ta' Ġunju 2013 hija evidentement allura mhux veru. Is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet ġusta u legalment korretta u ġiet irrevokata bis-sentenza ta' din l-onorabbli qorti proprju għaliex is-

sentenza fl-appell ġiet miksuba b'qerq *ai termini* tal-artikolu 811(1)(*a*), qerq li tefa' lill-Qorti tal-Appell fuq tip ta' analiżi għal kollox irrelevanti u liema qerq ġie skopert fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2016.

»Illi dak li seħħ f'dan il-każ, sabiex akkost ta' kollox jiddaħħal Mohammedreza Aghaei f'din il-kawża, anke jekk bl-aktar mod pależi l-qrati Maltin ma għandhom l-ebda ġurisdizzjoni fuqu, jinkwadra ruħu pjenament fl-insenjament tal-qrati tagħna dwar l-artikolu 811(*a*). Dan għaliex il-qerq mhux biss naturalment irid ikun ġie soffert mir-ritrattand, ħaġa pależi u ovvja, iżda kienet il-qorti stess li ġiet ingannata;«

11. L-attriċi ressqet l-eċċezzjoni fost oħrajn illi t-talba għat-tħassir tas-sentenza ma saritx fi żmien tliet xhur "mill-ġurnata li fiha jinkixef il-qerq" kif irid l-art. 818(1)(*a*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kompliet fissret l-eċċezzjoni hekk:

»Ir-ritrattant [il-konvenut Aghaei] stess fir-rikors ta' ritrattazjoni tiegħu isejjes il-bażi tar-ritrattazzjoni tiegħu fuq dak kontenut fir-rikors tal-appell tas-soċjetà *GBCom* Limited, meta jgħidu li t-trasferiment tal-ishma li Mohammed Aghaei kellu fis-soċjetà *Afegra Management Limited* seħħ fis-17 ta' Settembru 2013. Dan il-fatt ġie a konjizzjoni tar-ritrattant malli ġie notifikat lilu r-rikors tal-appell, *i.e.* fil-bidu tal-2015. Illi jekk inhu minnu dak li jallega ir-ritrattant, allura f'dak l-istadju suppost ġà wasal għall-konklużjoni li skond hu r-ritrattati [is-soċjetà attriċi] kienu qed iqarrqu, u suppost li kellu f'idejh ix-*share transfer agreement* sabiex jipprova l-oppost (għax huwa kien firmatarju għall-istess ftehim), kwindi *se mai* iż-żmien li kellu r-ritrattant biex jallega li s-sentenza ttieħdet b'qerq beda jiddekorri immedjatament malli ngħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell, *i.e.* fit-30 t'Ottubru 2015. B'hekk *se mai* l-iktar żmien tard li setgħet tinġieb din il-kawża kien 30 ta' Jannar 2016.

»Illi t-tardività fatali ta' din il-proċedura tirriżulta wkoll mill-fatt illi r-rikorrent qed jipprova jagħmel kapital minn dak li qalet Camelia Simion in kontro-eżami fit-28 ta' Novembru 2016. Madankollu Camelia Simion, dak li qalet in kontro-eżami, kienet ġà qalitu fl-*affidavit* tagħha (f'paġna 6) li kien ġà notifikat lill-parti l-oħra (*i.e.* ir-ritrattant) sad-19 ta' Jannar 2016. Dan ukoll intqal fl-*affidavit* ta' Gert Bosscher (f'paġna 15-16) fejn it-tnejn jgħidu li fil-laqgħa tal-15 ta' Mejju 2013 kien ġie diskuss it-trasferiment tal-ishma minn Agħaei lil Asadi u ġie ffirmat *share transfer agreement* f'dik l-istess ġurnata. Jekk allura wieħed kellu jaċċetta l-argument tar-ritrattant li dan jammonta għal qerq – ħaġa li hija ferm kontestata – allura sa mid-19 ta' Jannar 2016 dan kien ġà nġieb a konjizzjoni tar-ritrattant. Fil-fatt fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2016 l-avukat tar-ritrattant kien ġà impenja ruħu li fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2016 kien ser jagħmel il-kontro-eżami tal-istess. Kwindi anke taħt dan l-aspett ir-rikors huwa tardiv b'mod fatali għax daħal aktar minn sena wara li l-fatt allegatament ta' qerq fih lamentat kien bi provi a konjizzjoni tal-istess ritrattant.«

12. Jekk huwa minnu dak li tgħid l-attriċi illi l-konvenut Aghaei kien jaf – sa minn qabel it-30 ta' Ottubru 2015, meta ngħatat is-sentenza attakkata – bil-fatti li dwarhom xehdet Camelia Simion fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2016, mela t-tliet xhur li fihom setgħet issir it-talba għat-tħassir tas-sentenza bdew igħaddu mit-30 ta' Ottubru 2015 u mhux mit-28 ta' Novembru 2016. Jekk inhu hekk, ir-rikors għat-ħassir tas-sentenza, li sar fl-24 ta' Frar 2017, sar tard u l-eċċezzjoni għandha tintlaqa'.

13. L-attriċi tgħid illi ġà mir-rikors tal-appell tagħha mis-sentenza tal-ewwel qorti li laqgħet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni – preżentat fid-29 ta' Jannar 2015 u notifkat lir-rappreżentant tal-konvenut Aghaei fit-30 ta' Jannar 2015 – jirriżulta l-istess fatt li ħareġ mix-xiehda ta' Simion fit-28 ta' Novembru 2016.

14. Dan ma huwiex għalkollox minnu. Fir-rikors ta' appell tal-attriċi ma jingħadx, bħal ma qalet Simion, illi sar it-trasferiment ta' ishma mill-konvenut Aghaei fil-15 ta' Mejju 2013. Anzi, l-allegazzjoni tas-soċjetà attriċi kienet illi d-data tar-reġistrazzjoni tat-trasferiment (u mhux id-data tal-ftehim ta' trasferiment ta' ishma li Simion tgħid li seħħ fil-15 ta' Mejju 2013) murija bħala l-31 ta' Mejju 2013 fuq il-*Form T* mibgħuta lir-Reġistrtur tas-Soċjetajiet[1] kienet falza għax *backdated*. Fir-rikors tal-appell jingħad hekk:

> »It-trasferiment ta' ishma huwa validu biss mid-data li ġie reġistrat, u mhux minn sempliċi data li tpoġġiet *backdated* fuq il-*Form T*.«

[1] *Fol*. 107.

15. Dan ma huwiex dak li xehdet Simion fit-28 ta' Novembru 2016, *viz.* li l-kitba tat-trasferiment kienet iffirmata fil-15 ta' Mejju 2013. Il-qorti għalhekk ma taqbilx mal-attriċi li dak li dwaru xehdet Simion fit-28 ta' Novembru 2016 kien ġà mistqarr fir-rikors tal-appell.

16. Huwa minnu iżda li Simion kienet ġà xehdet li l-ftehim kien iffirmat fil-15 ta' Mejju 2013 fl-*affidavit* minnha maħluf fil-11 ta' Jannar 2016. Simion xehdet hekk[2]:

> »On 15th May 2013, we sold *GBCom* shares at the nominal value and the same day the share purchase agreement has been [*sic*] executed in front of a notary in Geneva.
>
> »The same day, Mr Asadi has [*sic*] bought the shares of Mr Aghaei at the nominal value and the share purchase agreement has been executed in front of the same notary in Geneva.«

17. Flimkien mal-*affidavit* hemm esebita wkoll kopja tal-ftehim ta' tras-feriment tal-ishma tal-konvenut Aghaei[3].

18. Mela dak li xehdet Simion fit-28 ta' Novembru 2016 kienet ġà xehditu fl-*affidavit* tal-11 ta' Jannar 2016. Għalkemm fil-proċess ma hemmx id-data tan-notifika ta' dan l-*affidavit*, jidher li sat-2 ta' Marzu 2016 l-*affidavit* kien ġà wasal f'idejn l-avukat tal-konvenut li fis-seduta ta' dakinhar iddikjara li sejjer jagħmel kontro-eżami. F'kull każ l-*affidavit* iddaħħal fil-proċess fil-15 ta' Jannar 2016 u għalhekk il-konvenut kellu jkun jaf bih.

19. Fl-aħjar ipotesi għall-konvenut, mela, sar jaf bl-istqarrija ta' Simion sa mhux aktar tard mit-2 ta' Marzu 2016 u mhux fit-28 ta' Novembru

---

2 *Fol.* 282.

3 *Foll.* 427 *et seqq.*

2016. F'kull każ, ir-rikors għat-tħassir tas-sentenza, preżentat fl-24 ta' Frar 2017, sar aktar minn tliet xhur wara u għalhekk sar tard.

20. Għalkemm dan huwa biżżejjed biex jiġi miċħud ir-rikors għat-tħassir tas-sentenza, huwa xieraq illi jingħad – ladarba saret allegazzjoni serja ta' qerq kontra s-soċjeta attriċi – illi fil-fatt ma kien hemm ebda qerq u illi din il-Qorti meta tat is-sentenza appellata ma kienet xejn imqarrqa. Is-soċjeta attriċi kienet sejset l-aggravju tagħha kontra s-sentenza tal-ewwel qorti li laqgħet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġuris-dizzjoni mhux fuq id-data tat-trasferiment tal-ishma iżda fuq id-data tar-reġistrazzjoni tat-trasferiment, li dwarha l-konvenut ma kien ressaq ebda xiehda li tista' toqgħod fuqha. Għal din ir-raġuni wkoll ir-rikors għat-tħassir tas-sentenza kien jiġi miċħud, li kieku sar fiż-żmien li tagħti l-liġi.

21. Il-qorti għalhekk tiċħad it-talba għat-tħassir tas-sentenza tat-30 ta' Ottubru 2015 u għas-smigħ mill-ġdid tal-appell, u tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ tal-kawża.

22. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallashom il-konvenut Aghaei.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm